**Karti tal-Flus Maltin maħruġin offiċċjalment u mill-Banek**

L-ewwel karti tal-flus Maltin maħruġin mill-banek kienu nħarġu mill-*Banco Anglo-Maltese*, li kien twaqqaf fl-1809, u mill-*Banco di Malta*, imwaqqaf fl-1812. Dawn il-karti tal-flus kienu nħarġu f'bosta denominazzjonijiet ta' skudi, bi 12-il skud jagħmlu lira sterlina. Billi dawn il-karti tal-flus ma kinux jintlaqgħu mid-dipartimenti tal-gvern huma kienu aktar jinħarġu aktar sabiex tinqeda l-kommunita' kummerċjali. Fl-1855, meta l-Isterlina ġiet iddikkjarata bħala l-valuta legali l-waħdenija f'Malta, il-banek ma baqgħux joħorġu l-karti tal-flus bl-iskudi u bdew joħorġuhom bil-liri sterlini fid-denominazzjonijiet ta' £1, £5, £10, £20, £30, £50 u £100. Bejn l-1873 u l-1875, minkejja l-proklama ta' l-1857, fuq dawn il-karti tal-flus intebagħ il-kliem "Jistgħu jitħallsu b'Dollari Sqallin", ħaġa li turi kemm in-nies kienet tridu d-Dollaru Sqalli.

Fl-1878, il-banek waqfu milli joħorġu l-karti tal-flus. Iżda meta bejn Novembru 1885 u Frar 1886 meta l-gvern Taljan ġabar id-Dollaru Sqalli b'diigriet, il-banek reġgħu bdew joħorġu l-karti tal-flus ta' l-isterlina.

Fl-1882 il-kummerċ kollu tat-Teżor f'Malta inqaleb għall-fergħa ta' l-*Anglo-Egyptian Banking Company*, li kienet infetħet fis-sena ta' qabel. Fl-1886 imbagħad, dan il-bank ingħata l-permess li joħroġ il-karti tal-flus tiegħu. Dawn il-ħarġiet privati baqgħu isiru sa l-1903.

L-ewwel ħruġ ta' karti tal-flus offiċċjali f'Awwissu ta' l-1914 sar kemm għal raġunijiet ta' prekawzjoni kif ukoll għax hekk kien jaqbel. Wara li faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija, kulħadd beda jgeddes kemm jiflaħ il-muniti tad-deheb u tal-fidda, bir-riżultat li l-banek beda jkollhom talbiet għall-flus aktar qawwijin milli kienu jifilħu għalihom. Minħabba dawn il-kundizzjonijiet t'emerġenza, għaddiet malajr malajr l-Ordinanza Nru VIII ta' l-1914, li ħalliet il-ħruġ ta' flus tal-karti temporanji. Dawn il-flus il-ġodda kienu ta' denominazzjonijiet ta' ħames xelini, għaxar xelini, £1, £5 u £10. Bejn is-7 ta' Mejju u t-30 ta' Settembru 1915, dawn il-karti tal-flus ġew demonetizzati biex minflokhom inħarġu l-flus tal-karti Ingliżi, fid-denominazzjonijiet tal-£1 u ta' l-10 xelini, li damu fiċ-ċirkulazzjoni sa xi għoxrin sena wara. Meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija għaddiet il-leġislazzjoni meħtieġa sabiex il-gvern Malti jkun jista' joħroġ karti tal-flus Maltin tad-denominazzjonijiet 2/-, 2/6, 5/-, 10/- u £1. Dawn inħarġu fiċ-ċirkulazzjoni f'dati differenti matul l-1940, ħlief il-karta tal-flus taż-2/-, li nħarġet f'Marzu ta' l-1942. Karta tal-flus tax-1/- li kienet inħarġet f'Novembru ta' l-1942 (stampata fuq karti tal-flus qatt maħruġa taż-2/- qodma) ħaditilha postha karta tal-flus ġdida tax-1/- maħruġa fl-1943. Dan il-ħruġ ta' flus tal-karti għal denominazzjonijiet żgħar kien meħtieġ minħabba n-nuqqas tal-metall għall-ħdim tal-muniti, u minħabba t-toqol li jinġiebu hawn bil-baħar il-flus Ingliżi matul il-gwerra. Meta ntemmet il-gwerra, dawn il-karti tal-flus tad-denominazzjonijiet żgħar saru antikwati u ma baqgħux jintużaw, l-aktar għax il-karta tagħhom kienet titgħarraq malajr wisq, u għalhekk reġgħu inġiebu minn flokhom il-muniti Ingliżi, li baqgħu jiċċirkulaw bħala valuta legali sa l-1972.

Il-karti tal-flus maħruġin f'Malta matul it-Teini Gwerra Dinjija kienu ta' wiċċ wieħed, minbarra l-karta ta' 1/-, li kienet ġiet stampata fuq ħażniet qodma ta' 2/- ta' l-1918. Aktarx din kienet miżura ta' tqanċiċ meħuda għall-ħarġiet ta' karti tal-flus għall-imperu kolonjali Ingliż, billi t-territorji kolonjali l-oħrajn kollha karti tal-flus hekk

kellhom. Għalhekk, il-karti tal-flus ta’ Malta kienu jagħmlu sehem mill-ħarġiet kolonjali imsejħin “omnibus”.

Il-karti tal-flus maħruġin matul iż-żewġ Gwerer Dinjin, għalkemm maħsubin biss għall-użu temporanju, imbagħad bdew jinstabu komdi, u għalhekk inħarġet l-Ordinanza Nru 1 ta’ l-1949 (L-Ordinanza tal-Karti tal-Flus), li fl-aħħar qiegħdet fuq bażi permanenti l-ħruġ tal-flus tal-karti. Bejn l-1949 u l-1968 il-Bord tal-Flus ħareġ il-karti tal-flus imsemmijin hawn taħt.

Fit-8 ta’ Mejju 1951, inħarġu fiċ-ċirkulazzjoni l-karti tal-flus ġodda Maltin ta’ l-10/- u tal-£1. Dawn kellhom isiru magħrufin bħala s-sensiela “il-Ġdida”. Karti tal-flus jixbhuhom, iżda bix-xbieha tar-Reġina Eliżabetta, inħarġu f’April ta’ l-1954 biex ifakkru ż-żjara tal-Maesta’ tagħha f’Malta.

Fit-2 ta’ Ġunju 1961 inħarġet għall-ewwel darba l-karta tal-flus tal-£5, li kienet iġġib fuqha x-xbieha magħrufa tal-M.T. r-Reġina li kien pinġa Annigoni. Sentejn wara kienu nħarġu wkoll il-karti tal-flus ta’ l-10/- u tal-£1 fuq l-istess disinn, u dawn it-tliet karti tal-flus kellhom isiru magħrufin bħala s-sensiela “Tal-Pittura”.

Il-Bank Ċentrali ta’ Malta, li kien twaqqaf bis-saħħa ta’ l-Att tal-Bank Ċentrali ta’ l-1967, u li beda jaħdem fis-17 t’April ta’ l-1968, f’Ġunju ta’ l-1968 ħa f’idejh l-assi u d-djun tal-Fond tas-Sigurta’ tal-Karti tal-Flus minn għand il-Bord tal-Flus.

Minn dik id-data ‘l quddiem ir-responsabilta’ għall-ħruġ tal-karti tal-flus għaddiet f’idejn il-Bank Ċentrali ta’ Malta u fl-istess xahar il-Bank ħareġ l-ewwel karti tal-flus tiegħu, ta’ l-10/- u tal-£5 bl-istess disinn tas-sensiela “Tal-Pittura”. Il-karta tal-flus tal-£1 ta’ din is-sensiela inħarġet fl-24 ta’ Settembru 1969, u dawn it-tliet karti tal-flus sfaw imsejħin l-Ewwel Serje tal-Bank Ċentrali ta’ Malta.

Fil-15 ta’ Jannar 1973, il-Bank Ċentrali ħareġ it-tieni sensiela tiegħu, it-Tieni Serje tal-BĊM. Il-karta tal-flus ta’ l-10/- tneħħiet (billi f’Mejju ta’ l-1972 kienet inħarġet munita ta’ 50ċ bħala parti mill-bidla għad-deċimalizzazzjoni), u ddaħħlet il-karta tal-flus ta’ l-£M10.

It-tielet sensiela, imsejħa it-Tielet Serje tal-BĊM, inħarġet fit-30 Marzu 1979 bl-istess denominazzjonijiet ta’ qabilha, dawk tal-£M1, £M5 u ta’ l- £M10.

Fis-17 ta’ Marzu 1986, il-Bank Ċentrali ta’ Malta ħareġ sett ġdid ta’ erba’ karti tal-flus, li kienu iż-Lm2, il-Lm5, l-Lm10 u l-Lm20 – dan is-sett jissejjaħ ir-Raba’ Serje tal-BĊM. F’din il-ħarġa dehru d-denominazzjonijiet ġodda ta’ l-Lm20 u taż-Lm2. Fl-1986 ukoll, inħarġet munita tal-lira minflok il-karta tal-flus tal-Lm1. Għall-ewwel darba, fuq dawn il-karti tal-flus dehret ix-xbieha tal-President tar-Repubblika bħala Kap ta’ l-Istat.

Fit-18 ta’ Settembru 1989, il-Bank ħareġ sett ġdid ta’ karti tal-flus, il-Ħames Serje. Dan il-ħruġ ħabat ma’ għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-Indipendenza ta’ Malta. Dawn il-karti tal-flus, li kellhom l-istess denominazzjonijiet bħal tar-Raba’ Serje, kienu ntraqmu b’aktar karatteristiċi tas-sigurta’ fl-1994.

Fl-20 ta’ Marzu 1974 għaddiet leġislazzjoni li permezz tagħha l-flus li kienu ġew demonetizzati qabel ma setgħux jissarrfu fil-Bank Ċentrali ta’ Malta wara l-20 ta’ Marzu 1984, filwaqt li l-karti tal-flus li setgħu jkunu demonetizzati aktar ‘il quddiem, kellhom ikunu jistgħu jissarrfu biss sa 10 snin wara d-data tad-demonetizzazzjoni tagħhom.